**7 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Anthony Ellul**

**Char-a-Banc — Konduttur — "Fare" — Tariffa tan-Nolijiet.**

*Il-passiġġier li jivvjaġġa fuq char-a-banc għandu jħallas il-"fare" preskritt; u mhux aktar mill-"fare".*

*Għaldaqstant, jekk passiġġier jaqta' biljetti mill-"booth" mingħajr ma jindika l-perkors li jkun irid jagħmel, u mbgħad*

*jinżel fi stage li biex jasal għalih kien obligat iħallas "fare" aktar milli fil-fatt ħallas, huwa obligat iħallas, bħala supplement, id-differenza bejn il-"fare" li hu obligat iħallas sa dak li-stage u l-"fare" li fil-fatt ħallas. Dan hu prinċipju loġiku u ta' ġustizzja ovvja, sakemm ma hemmx espressament stabbilit il-kuntrarju f'xi regolament vinkolanti.*

*Għaldaqstant, il-konduttur li jġiegħlu jħallas aktar minn dak is-supplement jirrendi ruħu ħati tal-kontravvenzjoni konsistenti filli talab "fare" akbar milli għandu stabbilit fit-tariffa tan-nolijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Ellul, talli ċjoè fi Spencer Hill, fis-7 ta' Diċembru 1958, f'xi d-9.15 a.m., għamilha ta' konduttur fix-char-a-banc 2254 mingħajr liċenza tal-Pulizija, u, barra minn dan, talab "fare" aktar milli għandu stabbilit fit-tariffa tan-nolijiet;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Jannar 1959, li biha lliberatu mill-ewwel imputazzjoni u sabitu ħati tat-tieni, u kkundannatu għall-ammenda ta' £1;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-parti kundannatorja tagħha, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti ta' dan il-każ huma dawn. Ċertu Paul Borg rikeb ix-char-a-banc li fuqu l-appellant hu l-konduttur, biex mill-Ħamrun, ħdejn l-Għassa, imur il-Furjana (terminus ta' barra l-Belt). Dan Borg qata' l-biljett mit-"ticket booth" tal-Ħamrun, u bla ma indika l-perkors talab biljett ta' żewġ soldi. X'ħin wasal ħdejn il-Blata-l-Bajda l-appellant qallu li l-biljett tiegħu kien sa hemm biss; u verament il-"fare" mill-Ħamrun, ħdejn l-Għassa, sal-Blata-l-Bajda

hu ta' żewġ soldi. Peress li Borg fil-fatt ried ikompli sejjer, l-appellant ġiegħelu jħallas żewġ soldi oħra, u tah biljett ieħor ta' żewġ soldi. Il-"fare", però, mill-Ħamrun, ħdejn l-Għassa, sal-Furjana (terminus ta' barra l-Belt), hu ta' żewġ soldi u nofs. Għalhekk ġie li għat-traġitt mill-Ħamrun, ħdejn l-Għassa, sal-Furjana, terminus ta' barra l-Belt, Borg ħallas sold u nofs iżjed, ċjoè erbgħa soldi minflok żewġ soldi u nofs;

Il-Prosekuzzjoni ssostni li Borg kien imissu ġie mġiegħel iħallas biss supplement ta' sitt ħabbiet. Id-difiża sottomettiet illi Borg għandu jitqies daqs kieku niżel il-Blata-l-Bajda u mbgħad reġà tela' biex imur il-Belt, u kellu jħallas għalhekk żewġ soldi, li hu l-"fare" mill-Blata-l-Bajda għall-Belt;

*Ikkunsidrat;*

*Il-prinċipju loġiku u ta' ġustizzja ovvja hu li, jekk ma hemmx espressament stabbilit il-kuntrarju f'xi regolament vinkolanti (per eżempju, li min iħallas anqas mill-"fare" għandu, jew jinżel jew iħallas id-doppju tan-nuqqas", jew xi multa stabbilita), il-passiġġier iħallas is-supplement fil-miżura li jonqos. F'dan il-każ kien jonqos sitt ħabbiet;*

Issa, ma jidherx li dan il-prinċipju loġiku u ġust għandu jiġi varjat bil-konsiderazzjonijiet sottomessi mid-difiża. Mhux bil-fatt li Borg ħa l-biljett mill-"booth" bla ma indika l-perkors; għax hawn mhux il-każ ta' ħtija o meno, imma ta' ħlas tal-"fare" stabbilit. Mhux iċ-ċirkustanza li l-biljett, ċjoè l-ewwel wieħed ta' żewġ soldi, ma ġiex mogħti lil Borg mill-appellant bi żball, wara li Borg qallu fejn rikeb u fejn ried imur; għaliex, jerġa jingħad, hawn ma hix kwistjoni ta' ħtija, imma tal-"fare" stabbilit. Lanqas tista' tinġieb għad-diskariku ċ-ċirkustanza li l-biljett disponibbli tal-iċken ammont hu ta' sold u nofs, u għalhekk ma hemmx biljetti ta' sitt ħabbiet biex jingħataw bħala supplement, u li per konsegwenza l-appellant ma setgħatx jieħu lura minn għand Borg il-biljett, preżumibbilment diġà ppanċjat, u jagħtieh ieħor ta' żewġ soldi u nofs kontra l-ħlas

ta' sitt ħabbiet biss, u b'hekk jirrendi ruħu responsabbli tal-ammont tad-differenza ta' żewġ soldi; għax din hi diffikultà ta' indoli sempliċement amministrattiva, li, jekk minn naħa waħda għandha u tista' tiġi rimedjata, minn naħa l-oħra ma tistax twassal qatt għall-konklużjoni li, minħabba f'diffikultajiet f'konteġġi bejn l-impjegati, allura l-passiġġier għandu jħallas aktar mill-"fare";

Għalhekk, kif ingħad, ebda argument ma hu biżżejjed biex jabbatti l-konsiderazzjoni dominanti li l-passiġġier ma għandux iħallas aktar mill-"fare";

L-eżempju addott mid-difiża, ta' min jinżel il-Blata-l-Bajda u jerġa jitla', ma jikkonvinċix; għaliex l-ipotesi ta' fatt prospettata hi diversa; inkwantokkè Borg ma niżelx, imma kompla sejjer fuq l-istess char-a-banc;

Għall-isfond tal-kawża, ma hux ta' min jommetti li jissenjala ċ-ċirkustanza sintomatika li, appena xi passiġġieri wissew lill-appellant li jirrapportawh, dan niżel fejn li "stage" ta' Portes des Bombes; u l-pretest li hu niżel għax waqqgħalu mazz biljetti, bla ma reġa' rikeb fix-char-a-banc wara li ġabru (att ta' sekondi), hu wisq banali biex jipperswadi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.